**QORTI TAL-APPELL**
**GHAWDEX**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Mhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha, 28 ta' Mejju, 2021**

**Appell numru: 4/16**
**Wara sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ref: CCT G4/16/MS datata 18 ta' Frar, 2021**

**Giuda Borg**

**vs.**

**Solar Engineering Limited**

## Il-Qorti

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datata 18 ta' Frar, 2021 fejn gie deciz kif isegwi:

' . . . jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-socjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' elf u sittax-il euro (€1,016). Bi dritt illi s-socjeta' intimata tiehu pussess tal-pannelli wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.'

Din id-decizjoni nghatat wara li l-appellat Giuda Borg ressaq ilment datat it-8 ta' Frar 2016 fejn talab lit-Tribunal jordna lis-socjeta' intimata tbiddel panella fotovoltajika u dan wara li gie nnutat

*corrosion* fl-istess pannella minn tekniku ta'l-istess socjeta' intimata, liema *corrosion* skont ir-rikorrent appellat jikkostitwixxi difett fis-sistema. Fil-mori tas-smiegh quddiem it-Tribunal it-talba tar-rikorrent giet estiza fil-verbal tal-20 ta' Jannar 2017, fejn gie sottomess mir-rikorrent li stante li rrizultaw hsarat fuq pannella ohra hu talab li tizdied it-talba fis-sens illi tkun inkluza wkoll pannella ohra biex b'hekk il-valur totali tat-talba tar-rikorrent telghet u giet indikata fl-istess verbal ghas-somma ta' elf u sittax-il euro (€1,016).

Fir-risposta taghha quddiem it-Tribunal is-socjeta' intimata eccepiet illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li t-talbiet rikorrenti kienu preskritti, illi s-socjeta' intimata bl-ebda mod ma assumiet xi responsabbilita' ghal dak li gara waqt li l-pannella kienet fil-kustodja tar-rikorrent u li s-socjeta' intimata bl-ebda mod ma tista' tinzamm responsabbli ghaz-zamma tas-sistema fotovoltajika ghal liema zamma huwa responsabbli ghaliha l-istess rikorrent.

Finalment jirrizulta li t-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu kif isegwi:

'Ra illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017, stante hsarat fuq pannella ohra, ir-rikorrent talab li tizdied it-talba fis-sens illi tkun inkluza wkoll pannella ohra biex b'hekk il-valur totali tat-talba titla' ghal elf u sittax-il euro (€1,016).

Ra illi s-socjeta' intimata rrimmetiet ruhha izda zammet ferm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq il-parti addizzjonali mertu tat-talba odjerna u rriserva li jgib provi fuq din l-eccezzjoni jekk ikun il-kaz.

Ra illi t-Tribunal laqa' t-talbiet.

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' April 2017 is-socjeta' intimata rrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra li fis-27 ta' April 2017, sar access fuq il-post mis-socjeta' ntimata li ghamlet il-verifiki taghha. Fl-20 ta' Ottubru 2017, gie prezentat rapport tekniku ta' dan l-access.

Ra illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2018 gie prezentat rapport ex parte tal-Inginier Ruben Curmi.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi peress illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mis-socjeta intimata, it-Tribunal sejjer jastjeni milli jiehu konsiderazzjoni taghha u jghaddi biex jikkunsidra l-mertu.

Irrizulta mill-provi illi fis-sena 2013, ir-rikorrent xtara sistema ta' pannelli minghand Solar Engineering u hallas l-ammont ta' €7,325 (Ara Dok A u B). Ir-rikorrent xehed fis-27 ta' Mejju 2016 fejn qal illi xi sena u erba' xhur wara l-installazzjoni, Solar Engineering cemplulu biex jigu jaghmlu service u baghtu technician, certu Joseph, li dakinhar gie bil-laptop u fetah l-inverter, hassar il-programm u beda jiccekkja l-pannelli. Ir-rikorrent ighid li dakinhar dan it-technician kien qallu li hemm *corrosion* fuq il-pannella (Dok C) u ha diversi ritratti. Ir-rikorrent ighid li l-uniku ilment tieghu huwa fuq il-*corrosion* tal-pannella u m'ghandux ilment fuq is-sistema. Talab is-somma ta' €508.93 - il-valur tal-pannella nkluz l-installazjoni. Xehed ukoll illi ghalkemm is-sistema ghadha tahdem huwa jixtieq li din il-pannella tinbidel.

Illi Anthony Saliba li jifforma parti mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' intimata xehed fuq ir-rapport tat-tekniku Richard Portelli illi kien acceda fuq il-post fis-27 ta' April 2017 fejn irrefera ghar-rapport u qal illi mill-intervent li sar, jidher li l-pannelli kienu qed jahdmu kif suppost u mhumiex difettuzi. Skont il-konvenut, mir-ritratti esebiti jidher illi ntlaqtet il-pannella min-naha ta' wara li hija tal-plastic u li din setghet ntlaqtet minn pet li seta' giref il-parti ta' wara jew inkella b'xi oggett li gie manuvrat fuq il-bejt wara l-installazzjoni.

Xehed ukoll l-inginier Ruben Curmi li qal li mar darbtejn fuq is-sit qabel ma hejja r-rapport tieghu. Qal li meta mar, is-sistema kienet mixghula u kienet qed tipproduci b'mod tajjeb u ma kienx hemm bzonn ta' testijiet. Peress illi l-ilment tar-rikorrenti kien fuq il-hsara vizwali, huwa ghamel spezzjoni vizwali fuq il-post - l-iskop tal-ezercizzju kien biex jistabilixxi jekk kienx hemm hsara jew le. Huwa qal illi s-sistema kienet qed tahdem tajjeb, l-installazjoni kienet maghmula sew u l-*output* kienet fil-parametri mistenni. Qal ukoll illi tnejn mill-pannelli kellhom dent fin-naha ta' wara fejn nkixef il-*copper* li jkun hemm fil-pannella u li x'aktarx dan gara waqt it-trasportazzjoni tal-pannella jew l-installazjoni taghhom. Il-hsara kienet minn taht pero' l-hsara hija tali li tidher ukoll minn fuq. L-inginier ikkonkluda illi dawn il-pannelli ghandhom jigu mibdula mill-aktar fis possibbli, u minn persuni mharrgin professjonalment minhabba li kull min jigi f'kuntatt maghhom jista' isofri xokk. Zied ighid ukoll illi jekk dawn il-pannelli ma jinbidlux, ma jibqghux jiffunzjonaw kif suppost.

*"In both cases the damage is observed on the back-sheet in a very protected and inaccessible area making it highly unlikely that the damage could have been caused after*

*their installation. It is most likely that the damage has been caused during the handling of the panels, during their transportation to site or during their installation on site. In conclusion the recommendation of the undersigned is to have both panels replaced to ensure that the Photovoltaic installation continues to produce the expected energy output in the future. Of a more urgent nature however is the need to replace the panels to eliminate the risk of electric shock."*

Ikkunsidra

It-Tribunal ghandu quddiemu zewg rapporti - rapport qasir tat-tekniku Richard Portelli (Dok AS1) li huwa iktar bhal job-sheet report, fejn ighid illi acceda fuq il-post fis-27 ta' April 2017 u ccekja l-vultagg tal-pannelli fejn ikkonstata li kienu qed jahdmu sew, u rapport dettaljat ta' Ruben Curmi li xehed f'dawn il-proceduri darbtejn. It-tekniku Richard Portelli qatt ma xehed f'dawn il-proceduri minkejja illi nghata diversi opportunitajiet biex jixhed.

Ghalhekk, wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu illi t-tezi tar-rapprezentant tas-socjeta' intimata ma jreggix u ghandu jhaddan ir-rapport tat-tekniku Reuben Curmi, peress illi dan, kif inghad hu wiehed dettaljat, u lanqas ma gie kkuntrastat mis-socjeta' intimata jew mir-rapport ta' Portelli. Dan ghalhekk iwassal it-Tribunal ghall-konkluzjoni illi r-rikorrent irnexxielu jipprova l-kaz tieghu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna s-socjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' elf u sittax-il euro. (€1,016). Bi dritt illi s-socjeta' intimata tiehu pussess tal-pannelli wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.'

2. Rat illi fir-rikors tal-appell, is-socjeta' appellanti qajmet zewg aggravji, fil-qosor l-ewwel aggravju jsostni li t-Tribunal iddecieda ultra petita jew extra petita u t-tieni aggravju jsostni li s-socjeta' appellanti hassitha aggravata mill-fatt li fid-decizjoni tat-tribunal dan applika skorrettement il-principju legali li min jallega jrid jipprova.

Is-socjeta' appellanti finalment qed titlob li din il-Qorti:

'tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur, tat-18 ta' Frar, 2021, bil-konsegwenza li ghar-raguni fuq premessi jew wahda minnhom, hija tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attur ghall-hlas minghand l-esponenti, tichad it-talba ghall-bdil tal-pannelli jew sussidjarament u alternattivament tordna l-bdil

minghajr ebda hlas, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.'

L-appellat jirrispondi ghall-appell tas-socjeta' intimata billi jsostni li l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju u li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Iqajjem ukoll punt preliminari fejn isostni li l-appell huwa rritu u null u dan stante illi fit-termini tal-Artikolu 22 (2) u (3) tal-Kap 378 Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, id-dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal tal-konsumatur f'ammonti inqas minn elf u mitejn (€1,200) jezisti biss fuq tliet materji u li l-aggravji mressqa mis-socjeta' appellanti ma jaqax taht wahda minnhom. Fil-mertu jsostni li t-Tribunal iddecieda skont il-meritu, il-gustizzja sostantiva u skont l-ekwita u li t-talba tar-rikorrenti kienet altru milli pruvata.

3. Semghet it-trattazzjoni tal-appell fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2021 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

4. Illi stante li l-appellant qed jeccepixxi n-nullita tal-appell il-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra u tiddeciedi dan il-punt.

L-appellat b'referenza ghall-artikolu 22 (3) u (4) tal-Kap. 378 Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur isostni li ebda wiehed mill-aggravji nterposti mis-socjeta' appellanti ma huma bbazati fuq il-kawzali kontenuti fl-istess artikolu u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

Illi minn qari tal-artikolu 22 sub-artikolu 3, huwa car li abbazi tal-valur biss tal-kaz odjern, stante li l-appell odjern ma jaccedix is-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200), allura s-socjeta' appellanti ma setghetx tintavola appell f'kull kaz izda biss jekk l-appell taghha jaqa' taht xi wiehed mill-istanzi ndikati fis-sub-artikolu 2.

Illi waqt it-trattazzjoni l-Avukat tas-socjeta' appellanti sostna li z-zewg aggravji taghha jaqghu taht is-subartikolu (2) (c) tal-artikolu 22 u cioe':

'meta t-tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.'

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti li jsostni li t-Tribunal iddecieda ultra petita jew extra petita. Minghajr ma f'dan l-istadju l-Qorti tidhol fil-mertu tal-aggravju tqis li l-ewwel aggravju kif impost jaqa' fil-parametri tal-artikolu 22 (2) (c) w'allura ai fini tal-ewwel aggravju appell mid-decizjoni tat-Tribunal huwa permissibbli.

Illi t-tieni aggravju jsostni li t-Tribunal applika skorrettement il-principju legali li min jallega jrid jipprova. Ukoll, f'dan il-kaz minghajr mal-Qorti tidhol fil-mertu tal-aggravju, jekk hu minnu li t-Tribunal ikun applika dan il-principju legali hazin, il-Qorti tqis li tali aggravju huwa wkoll permissibbli fit-termini tal-artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Il-Qorti ghalhekk ser tichad din il-parti tar-risposta tal-appellat limitatament ghal dak li huwa ndikat li huma l-aggravji *prima facie* u ser tipprosegwi fil-mertu tal-appell filwaqt li tirriserva li taghti provvedimenti diversi wara li tikkunsidra l-mertu ta' kull aggravju.

5. Illi fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta' appellanti ssostni li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal agixxa ultra petita jew extra petita ghaliex filwaqt li t-talba tar-rikorrenti kienet biss sabiex il-pannella tinbidel a spejjez tal-intimata Solar Engineering Limited, it-Tribunal ghadda sabiex ikkundanna lis-socjeta' appellanti li tirrifondi s-somma ta' elf u sittax-il Euro (€1,016) lill-appellat bi dritt tas-socjeta' li tiehu lura l-pannelli.

Il-Qorti rat u semghet mit-trattazzjoni li l-argument tas-socjeta' appellanti hu li la darba, skont l-istess socjeta', fl-Avviz ir-rikorrent talab biss li l-pannella tinbidel, it-Tribunal allura legalment ma setax imur oltre u jordna l-hlas tal-pannelli flok li dawn jigu mibdula.

Da parti tieghu r-rikorrent appellat isostni fir-risposta tieghu li jekk ma kienx car fl-avviz li hu kien qed jitlob il-flus sabiex jigu rimpjazzati l-pannelli, dan gie ccarat minghajr dubju fil-verbal tal-20 ta' Jannar, 2017 fejn hu talab li tizdied it-talba fis-sens illi tkun inkluza wkoll pannella ohra biex b'hekk indika fil-verbal li l-valur totali tat-talba tieghu kien ta' elf u sittax-il Euro (€1,016). Emfasizza wkoll li fit-trattazzjoni tieghu quddiem il-Qorti li l-iskop tat-Tribunal fil-ligi huwa appuntu li jiddeciedi dwar 'money claims'

tant li t-Tribunal m'ghandux il-poter li jordna li parti jew ohra tesegwixxi xi ordni ohra ghajr hlas.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 20 tal-Kap. 378 minn fejn johrog car li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija fuq talbiet li ma jaqbzux is-somma ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500) izda ma taqbilx ma' dak sottomess mill-appellat li allura bilfors it-Tribunal jista' jiddeciedi biss 'money claims'. Fil-fatt l-artikolu 20 (1) fis-sub-artikolu (a) u (b) tieghu jipprovdi ghal cirkostanzi fejn ikun hemm kiri jew ghoti ta' servizzi b'dana li mhux neccessarjament huwa eskluz li t-Tribunal jista' jaghti direzzjonijiet li jmorru oltre l-hlas ta' flus.

Il-Qorti izda tqis li l-aggravju tas-socjeta' appellanti ma hux gjustifikat fil-kaz odjern ghar-ragunijiet li jsegwu:

(i) Illi fl-Avviz tat-Talba esebit a fol. 1 et seq fl-ahhar parti tieghu r-rikorrent jitlob:

'li tali panel tinbidel a spejjez tal-intimata Solar Engineering Limited.'

Il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija lil din il-frazi mis-socjeta' appellanti fejn issostni li allura r-rikorrenti talab biss li l-pannella tigi mibdula mill-istess Solar Engineering Limited u xejn aktar. Il-Qorti tifhem it-talba tar-rikorrent bl-uzu tal-kliem 'tinbidel a spejjez' illi s-socjeta' intimata ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez biex tinbidel il-pannella. Din il-frazi ma tfissirx dak li qed issostni s-socjeta' appellanti li allura r-rikorrenti talab li din il-pannella bilfors tinbidel mis-socjeta' intimata izda talab biss li taghmel tajjeb ghall-ispiza biex din tinbidel issa jekk hux mill-istess socjeta' intimata jew terzi dak kien kompitu tat-Tribunal li jiddeciedi. Fil-fatt it-Tribunal iddecieda li s-socjeta' appellanti thallas l-ispejjez sabiex ir-rikorrenti ikun jista' jbiddel il-pannelli u llikwida dawn l-ispejjez. Il-Qorti bl-ebda mod ma tara li din il-parti tad-decizjoni da parti tat-Tribunal hija extra petita jew ultra petita.

(ii) Illi anki jekk wiehed jibqaghlu xi dubju dwar l-interpretazzjoni tal-Avviz tat-Talba, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tal-20 ta' Jannar, 2017 fejn ir-rikorrent talab li t-talba tieghu tizdied ghas-

somma ta' elf u sittax-il Euro (€1,016) stante li rrizultat hsara f'pannella ohra. Rat li ghal din it-talba s-socjeta' ntimata rrimettiet ruhha w'ghalhekk fi kwalunkwe kaz anki jekk ghall-grazzja biss tal-argument l-Avviz tat-Talba kellu jigi nterpretat b'mod restrittiv kif qed issostni s-socjeta' appellanti, permezz tal-approvazzjoni taghha fil-verbal tal-20 ta' Jannar, 2017, is-socjeta' ntimata accettat li r-rikorrenti kien qed jitlob hlas ta' flus u mhux neccessarjament il-bdil tal-pannelli da parti taghha.

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti.

6. Illi t-tieni aggravju tas-socjeta' appellanti jsostni li t-Tribunal applika skorrettement il-principju legali li min jallega jrid jipprova. Tinsisti li minkejja li l-attur appellat allega li kien hemm difettt fiz-zewg pannelli u li ta' dan kienet responsabbli s-socjeta' intimata appellanta, skont l-appellanta r-rikorrenti qatt ma gab provi li juru li d-difett fil-pannelli ma kienx attribwibbli ghal xi azzjoni jew ommissjoni tieghu stess.

Illi l-Qorti tinnota mill-ewwel li dan l-aggravju fil-verita' mhux ilment dwar applikazzjoni skorretta tal-principju ta' min jallega jrid jipprova, izda jikkonsisti biss f'ilment dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu. Illi minn qari tad-decizjoni appellata dak allegat f'dan l-aggravju mis-socjeta' appellanti ma jistax ikun aktar 'il boghod mill-verita'. Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal anzi ghamilha cara li wara li gharbel ir-rapporti tal-inginiera li tressqu fl-atti qies li r-rapport tal-inginier Ruben Curmi (li tressaq ex parte mir-rikorrent) kien aktar dettaljat u emmen il-konkluzjonijiet fl-istess rapport bhala dawk veritjeri. Ghal kull buon fini l-Qorti ser terga' tirriporta dik il-parti tad-decizjoni li taghmel referenza ghar-rapporti kif isegwi:

'Xehed ukoll l-inginier Ruben Curmi li qal li mar darbtejn fuq is-sit qabel ma hejja r-rapport tieghu. Qal li meta mar, is-sistema kienet mixghula u kienet qed tipproduci b'mod tajjeb u ma kienx hemm bzonn ta' testijiet. Peress illi l-ilment tar-rikorrenti kien fuq il-hsara vizwali, huwa ghamel spezzjoni vizwali fuq il-post - l-iskop tal-ezercizzju kien biex jistabilixxi jekk kienx hemm hsara jew le. Huwa qal illi s-sistema kienet qed tahdem tajjeb, l-installazjoni kienet maghmula sew u l-*output* kienet fil-parametri mistenni. Qal ukoll illi tnejn mill-pannelli kellhom dent fin-naha ta' wara fejn nkixef il-*copper* li jkun hemm fil-

pannella u li x'aktarx dan gara waqt it-trasportazzjoni tal-pannella jew l-installazzjoni taghhom. Il-hsara kienet minn taht pero' l-hsara hija tali li tidher ukoll minn fuq. L-inginner ikkonkluda illi dawn il-pannelli ghandhom jigu mibdula mill-aktar fis possibbli, u minn persuni mhargin professjonalment minhabba li kull min jigi f'kuntatt maghhom jista' jsofri xokk. Zied ighid ukoll illi jekk dawn il-pannelli ma jinbidlux, ma jibqghux jiffunzjonaw kif suppost.

*"In both cases the damage is observed on the back-sheet in a very protected and inaccessible area making it highly unlikely that the damage could have been caused after their installation. It is most likely that the damage has been caused during the handling of the panels, during their transportation to site or during their installation on site.*
*In conclusion the recommendation of the undersigned is to have both panels replaced to ensure that the Photovoltaic installation continues to produce the expected energy output in the future. Of a more urgent nature however is the need to replace the panels to eliminate the risk of electric shock."*

Ikkunsidra

It-Tribunal ghandu quddiemu zewg rapporti - rapport qasir tat-tekniku Richard Portelli (Dok AS1) li huwa iktar bhal job-sheet report, fejn ighid illi acceda fuq il-post fis-27 ta' April 2017 u ccekja l-vultagg tal-pannelli fejn kkonstata li kienu qed jahdmu sew, u rapport dettaljat ta' Ruben Curmi li xehed f'dawn il-proceduri darbtejn. It-tekniku Richard Portelli qatt ma xehed f'dawn il-proceduri minkejja illiinghata diversi opportunitajiet biex jixhed.'

Il-Qorti mkien minn dak suespost u minn qari tad-decizjoni ma tista' ssib fejn suppost skont is-socjeta' appellanti t-Tribunal applika l-principju ta' min jallega jrid jipprova b'mod skorrett. It-Tribunal kellu zewg rapporti quddiemu u wara li ezamina l-istess qies li r-rapport tal-inginier Ruben Curmi kellu jkun dak li jistrieh fuqu ghaliex hu aktar dettaljat u l-istess inginier xehed fuq l-istess rapport. Mill-konkluzjonijiet tieghu fuq dan ir-rapport it-Tribunal qies li t-talbiet tal-attur kienu gjustifikati.

Il-Qorti zzid li dan l-aggravju huwa biss tentattiv sabiex din il-Qorti terga' tidhol fil-mertu tal-kaz u taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi mressqa fl-atti. Dan mhux permissibbli specifikatament mill-Att 378 Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur artikolu 20 (1) in vista ta' l-ammont involut fit-talba appellata odjerna u wkoll in linea ma' bosta gurisprudenza tal-Qrati tal-Appell fejn dawn isostnu li jaghzlu biss li jergghu jidhlu fl-apprezzament tal-provi li tkun saret mill-ewwel Qorti f'kazijiet estremi li fil-kaz odjern ma jirrizultawx.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan it-tieni aggravju.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-aggravji kollha tas-socjeta' appellanti u tghaddi sabiex tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur datata 18 ta' Frar, 2021 fl-ismijiet Giuda Borg vs. Solar Engineering Limited.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Onor. Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur